16 ta' Marzu, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Alfred Tonna *versus* Rosaria Xuereb et.

**Subasta — Sospensjoni — Terminu — Art. 258, 268 u 327 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-eżekuzzjoni bis-saħħa tat-titoli eżekutivi rikonoxxuti mill-liġi, jost-hom il-bejgħ b'irkant ta' ħwejjeġ id-debitur, tista' ssir biss fuq il-ħwejjeġ tad-debitur; u għalhekk, meta dawn il-beni tad-debitur ikunu komuni ma' ħadd ieħor, is-subasta ma tistax issir qabel ma ssir il-qasma ta' dawk il-beni.*

*Imma l-liġi titkellem dejjem fuq ħwejjeġ id-debitur; u għalhekk id-dis-pożizzjoni li tikkontempla s-sospensjoni tas-subasta bit-termini re-lativi, ma tistax tirriferixxi ħlief għall-ipotesi li l-beni miġjubin fis-subasta jkunu tad-debitur. B'mod illi, jekk dawk il-ħwejjeġ ikunu ta' terza persuna, din ma hix obligata tosserva t-terminu li fih tista' titlob is-sospensjoni tas-subasta mid-debitur.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li hemm proċeduri għall-bejgħ f'subasta ta' oġġetti maqbuda

minn għand il-konvenut Carmelo Xuereb għad-domanda ta' Alfred Tonna ħalli mill-bejgħ ta' dawn l-oġġetti tiġi mħallsa s-somma ta' £182. 17. 3, bilanċ ta' somma akbar kanonizzata b'sentenza ta' din il-Qorti; li, kif jidher mill-anness Dok. "A", *ġie iffissat* l-10 ta' Novembru 1949 għall-bejgħ ta' l-imsemmijin oġġetti; li l-konvenuta Rosaria Xuereb talbet, b'rikors tat-8 ta' Novembru 1949, li din il-Qorti jogħġobha tissospendi l-bejgħ b'subasta ta' l-imsemmija mobili, u pprezentat dak in-nhar ċitazzjoni għar-revoka tal-mandat (nru. 571/1949) pendenti quddiem din il-Qorti u differita għat-8 ta' Marzu 1950; u *din il-Qorti*, b'digriet tad-9 ta' Novembru 1949, laqgħet it-talba u ordnat li d-digriet jiġi kommunikat lid-difensur ta' l-eżekutant — liema digriet huwa kuntrarju għal dak li jirrigwarda l-art. 327 (3) tal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili; u li l-attur ipprezenta rikors fil-kawża "Rosaria Xuereb vs. Alfred Tonna et." li għaliha tingħamel riferenza, fejn issolleva l-*inċident ta' l-imsemmi* digriet tad-9 ta' Novembru 1949, fuq liema rikors din il-Qorti ddekretat definitivament fis-sens li ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza fil-kawża "Rosaria Xuereb vs. Alfred Tonna et.", u pprefiġiet lill-attur żmien tmint ijiem biex, jekk irid u jekk jidhirlu, jagħmel il-proċeduri opportuni ta' l-impunjazzjoni ta' dak id-digriet tad-9 ta' Novembru 1949; u talab li, wara li tkun premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmi digriet, mogħti minn din a l-Qorti fid-9 ta' Novembru 1949, fuq ir-rikors tal-konvenuta Rosaria Xuereb, għas-sospensjoni tal-bejgħ b'subasta ta' l-imsemmija mobbli, maqbuda mill-poter ta' Carmelo Xuereb għad-domanda ta' l-attur, huwa null u ta' l-ebda effett, billi huwa kuntrarju għall-liġi, u speċjalment għall-art. 327 (3) tal-liġijiet proċedurali; u konsegwentement li s-subasta ta' l-imsemmija mobbli, maqbuda kif fuq intqal mill-poter ta' Carmelo Xuereb, tieħu l-kors tagħha u titkompla skond il-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nterpellati għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Fil-meritu;

Illi skond l-art. 258 Kap. 15, l-eżekuzzjoni, bis-saħħa tat-*titoli eżekutivi rikonoxxuti mill-liġi, tista' ssir fuq ħwejjeġ tad-*debitur. Fost l-attijiet li bihom issir din l-eżekuzzjoni, hemm il-bejgħ tal-ħwejjeġ mobili (art. 274 Kap. 15);

Illi skond l-art. 291 Kap. 15, għalkemm jistgħu jiġu elevati ħwejjeġ mobili mhux maqsumin bejn id-debitur u terza persuna, però ma jistax isir il-bejgħ bl-irkant ta' dawn il-ħwejjeġ qabel ma jiġu maqsuma;

Illi minn dan hu ċar li, meta l-liġi ssemmi s-subasta fi proċeduri eżekutivi, hi qiegħda tirriferixxi għas-subasta tal-ħwej*jeġ tad-debitur*, u mhux *ta' ħadd ieħor li ma għandux x'jaq*sam mad-dejn;

Illi konsegwentement, meta fl-art. 327 Kap. 15 il-liġi kkontemplat il-każijiet ta' sospensjoni, bit-termini relativi, hi bilfors kienet qiegħda tikkontempla l-ipotesi leġittima ta' beni tad-debitur. Ma setgħetx qiegħda tikkontempla l-każ ta' subasta ta' ħwejjeġ ħadd ieħor li ma għandux x'jaqsam mad-dejn. Hekk, per eżempju, id-debitur jista' jitlob is-sospensjoni tassubasta fuq l-allegazzjoni illi f'qasir żmien sejjer jissellef somma ta' flus *li biha jista' jħallas lill-kreditur eżekutant* u jirrisparmja d-distrazzjoni ta' ħwejġu; dan huwa każ li jaqa' evidentement taħt l-art. 327 Kap. 15. Imma l-każ ta' terza persuna, bl-ebda mod tenuta għad-dejn, li titlob is-sospensjoni għaliex l-oġġett in subasta jippartjeni lilha, ma hux każ li jaqa' taħt dak l-artikolu, li, kif ingħad, jikkontempla, is-subasta ta' ħwejjeġ tad-debitur;

Illi f'każijiet simili, ta' terzi persuni, il-Qorti tagħti s-sospensjoni in bażi għall-art. 268 Kap. 15, inkwantokkè biċ-ċitazzjoni għar-revoka t-terza *persuna tkun qiegħda* titlob it-twaqqif ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza għal dak li jirrigwarda l-oġġett in revoka, u bir-rikors tagħha tkun qiegħda tirrendi applikabili dak l-artikolu, basta hemm ġusta kawża. Il-"ġusta kawża" tkun il-ħsara li jbati t-terz bid-distrazzjoni ta' oġġett tiegħu għal dejn li ma għandux x'jaqsam miegħu. Il-Qorti tista', bħala kondizzjoni tas-sospensjoni, timponi d-depożitu ta' somma biex tkopri l-ispejjeż tas-sospensjoni;

Illi huwa veru li fl-art. 327 fuq imsemmi hemm anki aċċennata terza persuna *bħala domandanti tas-sospensjoni; imma* dan għandu dejjem jiftiehem "fl-ipotesi ta' l-appartenenza

tal-beni lid-debitur". Jista' difatti terz ikollu nteress li jwaqqaf is-subasta tal-beni tad-debitur, anki nteress mhux patrimonjali, bħal meta, per eżempju, ħabib tad-debitur jitlob is-sospensjoni tas-subasta bil-ħsieb li fi ftit granet jissellef flus biex iħallas lill-kreditur, biex jagħmel ħaġa ta' favur u kompjaċenza lid-debitur ħabib tiegħu;

Illi qatt ma sata' kien fil-ħsieb tal-leġislatur illi għall-kreditur jagħmlu fronti l-beni ta' ħadd ieħor li ma jkun bl-ebda mod obligat, sempliċement għax għalaq it-terminu. Infatti jekk hu ma riedx lanqas li jiġu subastati beni posseduti mid-debitur in komun ma' ħadd ieħor, tant anqas seta' ried li jiġu subastati beni għal kollox ta' ħadd ieħor;

Illi għandu jiġi anki osservat li f'każ ta' appartenenza ta' l-oġġetti subastati lil ħadd ieħor, proprjament si tratta mhux ta' sospensjoni, imma ta' annullament ta' l-attijiet tas-subasta in kwantu jaffettaw dawk l-oġġetti; u għalhekk din hi raġuni oħra biex ma tiġix applikata dispożizzjoni li tirrigwarda s-sospensjoni "sic et simpliciter";

Illi dan hu konfermat mid-dottrina ta' leġislazzjonijiet oħra. Infatti fil-Liġi Proċedurali Taljana (art. 645 et seq.), għar-rigward tad-debitur tintuża l-kelma "sospensjoni", mentri għar-rigward tat-terz li jippretendi l-proprjetà ta' l-oġġett tintuża l-kelma "opposizione alla vendita", u l-pretur jordna hu s-sospensjoni u jista' jassoġġetta l-oppożizzjoni għall-kawzjoni għall-ispejjeż;

Illi dan l-argument hu wkoll sostnut bil-konsiderazzjoni illi l-bejgħ ta' ħaġa ta' ħadd ieħor hu null; it-terz, kwindi, li jaġixxi in revoka u "per incidens" jitlob is-sospensjoni, veramment qed jitlob l-annullament ta' l-attijiet tas-subasta, in kwantu ntiżi għall-bejgħ tal-ħaġa ta' ħadd ieħor;

Għalhekk, fil-kontumaċja tal-konvenut Carmelo Xuereb, il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad id-domanda, b'dan illi, stante l-indoli tal-kwistjoni, l-ispejjeż fil-konfront bejn l-attur u l-konvenuta jibqgħu bla taxxa, dritt tar-Reġistru bin-nofs; il-konvenut Xuereb iħallas l-ispejjeż tiegħu kollha.

---